Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,698, 10 ta' Settembru, 2021
Taqsima B

A.L. 358 tal-2021

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ħames Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1159 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Jemenda l-Ħames Skeda.

2. Il-Ħames Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita 13 fit-Taqsima Wieħed tagħha għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"*Provvisti lill-Kummissjoni Ewropea jew lil aġenzija jew korp stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea*

14. Il-provvista ta' oġġetti jew servizzi lill-Kummissjoni Ewropea jew lil aġenzija jew korp stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea fejn il-Kummissjoni Ewropea jew tali aġenzija jew korp jixtri dawk l-oġġetti jew servizzi fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu mil-liġi tal-Unjoni Ewropea sabiex iwieġeb għall-pandemija tal-COVID-19, ħlief meta l-oġġetti u servizzi mixtrija jintużaw, jew immedjatament jew f'data aktar tard, għall-finijiet ta' provvisti ulterjuri għall-konsiderazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea jew tali aġenzija jew korp:

Iżda, meta l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ma jibqgħux japplikaw, il-Kummissjoni Ewropea jew l-aġenzija jew il-korp ikkonċernati li jkunu rċevew il-provvista eżentata għandhom jinfurmaw lill-Kummissarju u l-provvista ta' dawk l-oġġetti jew servizzi għandha tkun soġġetta għall-VAT skont il-kondizzjonijiet applikabbli f'dak il-mument."; u

(b) minnufih wara l-partita 8 fit-Taqsima Erbgħa tagħha għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"*Importazzjoni ta' oġġetti mill-Kummissjoni Ewropea jew minn aġenzija jew korp stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea*

9. L-importazzjoni ta' oġġetti mill-Kummissjoni Ewropea jew minn aġenzija jew korp stabbilit skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea fejn il-Kummissjoni Ewropea jew tali aġenzija jew korp jimporta dawk l-oġġetti fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu mil-liġi tal-Unjoni Ewropea sabiex iwieġeb għall-pandemija tal-COVID-19, ħlief meta l-oġġetti importati jintużaw, jew immedjatament jew f'data aktar tard, għall-finijiet ta' provvisti ulterjuri għall-konsiderazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea jew tali aġenzija jew korp:

Iżda, meta l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ma jibqgħux japplikaw, il-Kummissjoni Ewropea jew l-aġenzija jew il-korp ikkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kontrullur tad-Dwana u l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti għandha tkun soġġetta għall-VAT skont il-kondizzjonijiet applikabbli f'dak il-mument.".